MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**8 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 100

**It-Tnejn, 18 ta' Frar, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Jonathan Brimmer | Viċi Sindku |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Mangani | Kunsillier |
| Is-Sa Elizabeth Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Darren Carabott | Kunsillier |

**ASSENTI**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace Anastasi | Kunsillier |

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 100.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**100.1.1** Is-Sindku nforma li s-Sur Darren Carabott kienu ndispost minħabba li jinsab imsiefer fuq studju u għaldaqstant ma setgħux ikun preżenti. F'dan ir-rigward is-Sur Carabott ġie skużati skont l-Ordni Permanenti 14 A (3).

## 100.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa 98 u tal-Laqgħa b'urgenza 99.

**100.2** Il-minuti tal-laqgħa Numru 98 (tmienja u disgħin) li saret fl-14 ta' Jannar, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

Il-minuti tal-laqgħa b'urġenza Numru 99 (disgħa u disgħin) li saret fil-11 ta' Frar, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament

## 100.2.1 Korrezzjonijiet

**100.2.1.1** Minuta 98.3.3 – minflok **nofrma** issir **nforma**
Minuta 98.6.1 – minflok **tenttaivi** issir **tentattivi**

Ma kienx hemm korrezzjonijiet fil-Minuti 99.

## 100.3 Punti mqajma mill-minuti

**100.3.1** Minuta 98.6.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li wara konsultazzjoni mal-avukat tal-Kunsill irriżulta li fit-tender il-Kuntrattur ta' Central Asphalt jista' isib sub contractor. Għaldaqstant sar ftehim mal-kuntarttur sabiex isib sub-contractor ħalli jsiru il-bankini. Il-Bankini li ser isiru huma:

- Triq il-Kanun k/m Triq il-Parrocca sa faċċata ta' fejn hemm i-bins
- Parti minn Triq San Ġorġ
- Parti minn Triq Abela
- Triq il-Kappillan Mifsud
- Triq il-Kardinal Sciberras
- Triq il-Blata l-Kaħla
- Triq is-Soll
- Triq Guże Pace
- Triq Brighella
- Triq Kanonku Bonniċi

Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex ikunu ordnati 40 Ubar sabiex b'hekk jinbidlu l-Ubars eżistenti li hemm fuq il-bankini imsemmija hawn fuq.

Mill-banda l-oħra s-Sindku wkoll nforma lill-membri li *Infrastructure Malta* kienet għadha kemm ħabbret lista ta toroq li kienu ser isiru fejn fosthom hemm toroq ġewwa Santa Venera. It-toroq huma:

- Triq San Ġorġ
- Triq Abela
- Triq Brighella
- Triq Kardinal Sciberras
- Triq il-Blata l-Kaħla
- Triq il-Kanonku Bonniċi (kienet mal-ewwel lot)

Il-membri qablu unanimament.

**100.3.2** Punti mqajma mill-ilmenti:-

| | |
|---|---|
| 330 | Ser issir il-bankina fil-ġimghat li ġejjin |
| 383 | Titneħħa l-kaxxa safra |
| 389 | Issir refresh tat-triq kollha taħt is-superviżjoni tal-Contracts Manager. |
| 408 | Kollox jibqa' kif inhu |
| 587 | Isiru żewg parking bays |
| 597 | Isiru double yellow lines ta metru n-naha tal-bieb Nru 73 |
| 628 | Trid terġa ssir spezzjoni oħra |
| 632 | Kollox jibqa' kif inhu |
| 633 | Kollox jibqa' kif inhu |
| 639 | Mica Med |

**100.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku ma kellux kommunikazzjonijiet x'jgħaddi.

## 100.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**100.5.1** Is-Sindku informa lill-Membri tal-Kunsill dwar petizzjoni li saret mir-residenti li joqgħodu fiż-żewġ *cul de sacs* li hemm flok l-eks fabbrika tal-Multigas. Dawn iż-żewġ cul de sacs huma parallel ma' Triq Antonio Miruzzi li hija fil-konfini ta' Santa Venera. Apaprti dan, is-servzzi tal-ġbir tal-iskart u anke tal-knis, bilfors iridu jgħaddu minn Triq il-Kanun li hija fil-konfini ta' Santa Venera u għaldaqstant qatt ma jistgħu jiġu mal-Ħamrun. F'dan ir-rigward is-Sindku qal li ser jagħmel laqgħa mal-Kummissarju Elettorali sabiex tkun diskussa din il-materja.

Il-membri qablu unanimament

**100.5.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva cirkulari Cir AKL 2019/009 mingħand TM sabiex fil-lokalita isir aktar *charging pillars*. Spjega li din hija parti mill-istrateġija tal-Kummissjoni Ewropeja u tal-pajjiż minħabba l-emmissjonijiet u b'hekk inkunu qed nippromwovu l-karozzi elettroniċi. TM qed jissiġerixxu sabiex din issir Triq il-Ħarrub ħdejn il-Mita. Wara diskussjoni l-Kunsill jissuġġerixxi li jew issir fi Triq il-Kanun jew inkella issir fin-niżla ta' fejn l-isptar San Filippu fejn EUPA.

Il-membri qablu unanimament

**100.5.3** Is-Sindku nforma lill-membri li isir laqgħa għar-residenti dwar *Mental Health Awareness* nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu, 2019 fl-10:00am fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

Il-membri qablu unanimament

**100.5.4** Is-Sindku nforma lill-membri li waqt il-laqgħa plenarja l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill għamlu preżentazzjoni ta' litter bins żgħar li jitwaħħlu mal-arbli tad-dawl sabiex wieħed ikun jista jarmi l-loqom tas-sigaretti u *chewing gum*. Wara diskussjoni l-kunsill qabel sabiex napplikaw mal-Assoċċjazzjoni sabiex il-Kunsill ikun jista' jinvesti f'dawn il-*litter bins*. Dan jiddependi minn kemm jiswew.

Il-membri qablu unanimament

**100.5.5** Is-Sindku informa lill-membri dwar Cirkulari SPI 19/2019 Fond għaż-żamma u l-manutenzjoni ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Dan wara li fl-aħħar baġit ġiet imħabbra miżura li permezz tagħha l-Kunsilli Lokali, li l-lokalita' tagħhom ibbenefikat minn proġetti infrastrutturali maġġuri imwettqa mill-Gvern Ċentrali, jistgħu japplikaw għall-fondi sabiex iżommu fi stat tajjeb u jagħmlu l-manutenzjoni meħtieġa tal-proġett imsemmi. It-talba għall-fondi għandha ssir biss fuq spejjeż li huma straordinarji u li mhumiex koperti bl-allokazzjoni finanzjarja

Il-membri qablu unanimament

## 100.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 100.6.1 Rapport u deċiżjoni tat-Tenders

Is-Sindku nforma lill-membri lit-Tender Peritali, CCTV Cameras u tat-Trasport tal-Anzjani għaċ-Centru ta' Matul il-Jum ġew aġġudikati mill-Bord u d-Deputat Segretarju qara ir-rapport tar-rakkomandazzjoni. Id-Deputat Segretarju informa lill-membri lir-rapporti joħroġu awtomatiku mis-sistema tal-ePPS wara li l-membri tal-Bord għamlu analiżi profonda skont ir-rekwiżiti mitluba fit-tender.

**100.6.1.1 Ir-rapport Peritali kien hemm offerant wieħed:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Dplan Architects | 000106243 | €12,380.00 |

F'dan ir-rigward is-Sindku ppropona lil Dplan Architects bħala l-offerant li rebaħ din it-tender. Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**100.6.1.2 Ir-rapport CCTV fejn kien hemm 7 offeranti :**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | ISPY Projects | 105791 | €13,448.00 |
| 2 | Central Power Installations Ltd | 106295 | €14,476.00 |
| 3 | Farogroup Ltd | 106331 | €15,140.00 |
| 4 | Alberta Fire & Security Equipment Ltd | 106283 | €27,318.24 |
| 5 | Strand Electronics Ltd | 106288 | €29,475.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 6 | ISPY Projects | 105790 | N/A |
| 7 | ISPY Projects | 105788 | N/A |

F’dan ir-rigward is-Sindku ppropona lil ISPY Projects (105791) bħala l-offerant li rebaħ din it-tender. Is-Sur Jonathan Brimmer ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**100.6.1.3 Ir-rapport Trasport tal-Anzjani għaċ-Ċentru ta’ Matul il-Jum fejn kien hemm 2 offeranti :**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Richard Attard | 106169 | €4.025.00 |
| 2 | Leone Grech | 105951 | €6,500.00 |

F’dan ir-rigward is-Sindku ppropona lil Richard Attard bħala l-offerant li rebaħ din it-tender. Is-Sur Jason Mangani ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

**100.6.2 *Neutering* tal-Qtates**

Is-Sindku informa lill-membri lis-Sa Romina Frendo nfurmat lill-Kunsill li *neutering* tal-qtates qed isir bi prezz speċjali fejn neutering tal-qtates irġiel qed isir €15 kull wieħed filwaqt li tal-qtates nisa qed isir €25 kull waħda. Dawn huma prezzijiet issusidjati. Apparti minn hekk qed ikun ssuġġerit sabiex jinxtraw *sheds* u *traps*. F’dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa sabiex isir forma ta’ ftehim għal sena fejn il-kunsill ikun jista’ jalloka €3,000 għal dan il-għan.

Il-membri qablu unanimament.

**100.6.3 Wirja tal-Annimali**

Is-Sindku informa lill-membri li l-Għaqda tan-Nar 26 ta’ Lulju ħarġu bl-ideja sabiex meta ser issir is-Serata tal-Għana fi ġnien Romeo Romano il-Ġimgħa 12 ta’ Lulju 2019, tkun amalgamata magħha wirja tal-Annimali u Tjur. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex din il-wirja issir hekk kif qiegħed ikun propost mill-Għaqda tan-Nar fejn l-istess għaqda tieħu ħsieb l-organizzazjoni ta’ din il-wirja. Id-dati maqbula kienu it-13 u l-14 ta’ Lulju 2019.

Il-membri qablu unanimament

**100.6.4 *Paegent* tal-Ġimgħa l-Kbira**

Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-ħsieb li għall-ewwel darba ssir *paegent* tal-Ġimgħa l-Kbira bid-dai proposti jkunu s-16, 17 u 18 ta’ April, 2019 bejn is-7:30pm u 10:30pm fi ġnien Romeo Romano. Huwa spjega li f’din il-*paegent* jipparteċipaw atturi rinomati u l-istess kumpanija tieħu ħsieb l-armar u s-set up kollu ta’ din l-attivita.

Apparti minhekk is-Sindku żied jgħid li minħabba l-preparamenti u minħabba l-apparat il-ġnien mhux ser ikun jista' jitħalla miftuħ għall-pubbliku bejn it-12 t'April, 2019 u 19 t'April, 2019 apparti fil-ħinjiet ta' meta ser tittella' din il-paegent. Id-dħul ta' din il-*paegen*t ser ikun ta' €10 fejn il-flus li jinġabru jmorru MCCF u għal klijenti tal-isptar Monte Carmeli.

Is-Sindku qal li ser ikun hemm bzonn li l-atturi jużaw l-uffiċċju tal-Kunsill sabiex ibiddlu l-kostumi. Il-Kunsill irid ukoll jaħseb sabiex iħallas l-ispejjeż relatati mad-dawl, servizz tal-ambulanza, applikazzjoni mal-Enemalta ħabba t-3 *Phase*, l-*PA system,* l-ġarr tal-apparat, *banners* u *mobile toilets*.

Wara diskussjoni il-membri tal-Kunsill qablu fuq il-kwotazzjonijiet li ġew ippreżentati fejn kulħadd qabel li għandna mmorru fuq l-irħas offerti mitfugħa. Apparti minn hekk ser ikun hemm ukoll il-parteċipazzjoni tal-għaqdiet u anke tal-iscouts.

Is-Sindku ppropona din l-attivita' filwaqt lis-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-Membri qablu unanimament.

## 100.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 100.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament mill-membri kollha wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet

Il-membri qablu unanimament

## 100.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 01 sa 121.

| | |
|---|---|
| 05 | Kien hemm qbil li jitwaħħal |
| 15 | Qed isiru trattativi sabiex titranġa t-triq wara li l-Enemalta kienu għamlu xogħol ħażin. |
| 16 | Issir U bar waħda pero qabel ninfurmaw lil Harry Ironmongery |
| 18 | Simili għal ilment numru 15 |
| 20 | Ninfurmaw lill-Wasteserv sabiex isiru patrols |
| 21 | Issir applikazzjoni ma TM |
| 25 | L-iskema tal-parkeġġ bħalissa tinsab sospiża minn TM |
| 32 | Ninfurmaw lill-Pulizija u lill-PA |
| 33 | Tinġabar meta ser jinġabru dawk it-tankijiet li hemm biż-żejt. |
| 34 | Contracts Manager |
| 35 | Ma tistax issir |
| 36 | Ninfurmaw lill-Pulizija |
| 38 | Ħaddiema Assenjati |

| | |
|---|---|
| 46 | Ma tistax issir |
| 50 | Napplikaw għall-permessi mal-ERA |
| 52 | Ħaddiema Assenjati |
| 57 | Tibqa kif inhi |
| 67 | Simili għal ilment numru 15 |
| 70 | Ħaddiema Assenjati |
| 74 | Isir ix-xogħol skont il-kwotazzjoni miġbura |
| 77 | Ma tistax ssir |
| 79 | Works Order |
| 83 | Ser issir fil-ġimgħat li ġejjin |
| 90 | Ninfurmaw lill-Pulizija |
| 93 | Issir U bar oħra |
| 94 | Jiġi identifikat fejn eżatt |
| 99 | Kunsill Lokali Ħamrun |
| 103 | Ninfurmaw lil OHSA |
| 104 | Bħal ilment 103 |
| 105 | Bħal ilment 103 |
| 109 | Ser issir fil-ġimgħat li ġejjin |
| 112 | Transport Malta |
| 114 | Contracts Manager |
| 115 | Ħaddiema Assejnatji |
| 116 | Contracts Manager |
| 117 | Kuntrattur tal-Knis jew ħaddiema assenjati |
| 118 | Jitneħħew is-sinjali |
| 119 | Hemm diga' U bar |
| 120 | Isiru 2 U bars |
| 121 | Isiru U bars fuq il-bankina fin-nofs ta' kull parking bay |

## 100.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-7.50 pm u ġiet aġġornata għat-11 ta' Marzu, 2019, fil-5.30pm

Konfermati, illum 11 ta' Marzu, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
DeputatSegretarju Eżekuttiv